ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 31 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2014 fis-6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. L-Attivitajiet tal-Milied;
5. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduta Nru 30 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Segretarju staqsa kienx hemm rimarki. Kien hemm xi rimarki zghar u s-Segretarju emendhom mill-ewwel. Is-Sindku ppropona li jkunu addottati, issekonda il-kunsillier Fenech u l-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

a. Is-Segretarja qalet li d-dokument tat-tender tal-Gbir ta' Skart Domestiku ghaddietu lis-Sindku biex jkun jista jbiddel dak li jixtieq fit-tender. Kif isir dan is-Segretarju tohrog sejha ghall-offerti.

b. Is-Segretarju qalet li giet avvicinata mis-Sur John Caruna li qed jitlob li ssirlu kaxxa safra quddiem garage fi Triq Santa Marija. Is-Sur Caruana qal li l-bieb tal-garaxx issa lest. Il-Kunsill qabel li la darba il-garaxx lest tista issir talba lil-Transport Malta.

c. Dwar Triq it-Telleritu, s-Sindku qal li fil-fatt is-suggett li qed jigi ittrattat u ta' Triq ta' Loretu w mhux Triq it-Telleritu. Is-Sindku qal li se jitkellem dwar din aktar il-quddiem fil-laqgha.

d. Dwar id-Dawl tal-Milied il-Kunsill qabel li tohrog kwotazzjoni.

e. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill ircieva diversi applikazzjonijiet u ghaldaqstant hemm il-htiega li jsiru l-Interviews minhabba li hi se tahdem sa' l-ahhar ta' Mejju 2015 izda f'l-ahhar ta' Jannar tohrog bil-leave. Il-Kunsill qabel li l-interviews isiru nhar it-Tlieta u s-Sibt 18 u 22 ta' Novembru rispettivament. It-Tlieta jibdew fis-6.00pm u s-Sibt fl-10.00am. Is-Sindku hatar bord mghamul mis-Sinjura Rose Agius u s-Sur Keith Fenech flimkien mieghu w s-Segretarju. Il-Kunsill qabel.

f. Dwar attivita biex issir mill-Kunsill b'risq il-Community Chest Fund, il-Kunsill iddiskuta l-possibilita li jsir Coffee Morning.

g. Dwar ittra li ntbaghatet lil-Hon. Ian Borg dwar li sqaqien li ser isiru bil-konkrit, l-Hon. Borg wiegeb lura li l-Kunsill ma applikax. Is-

Sindku qal li dan ma jistghax ikun ghax hu stess kien qed jiehu hsieb l-applikazzjoni. Is-Segretarju qalet li se tavvicina lis-Sur Chris Salerno tal-GALXlokk dwar dan.

ĦAL GĦAXAQ

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Ircevejna mil-AKL dwar bejgh ta' kotba Tisjir Bil-Qalb b'risq il-Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel li jghin f'din l-attivita.

2. L-AKL infurmatna ukoll dwar program ESFA.159 Developing Quality Management in the Public Administration.

3. Minn Transport Malta biex ikunu jafu hemmx xi rikjesti minn naha tal-Kunsill ghand Transport Malta li ghadhom ma gewx indirizzati. Il-Kunsill ma ghandu xejn pendent.

4. Mil-MEPA dwar zvilippi li ser isiru kif gej hawn taht:

   Trasport Malta – reinstatement ta' reservoir fi Triq tal-Barrani
   Fi Triq San Filippu ser isir zvilupp ta underground garages, ground floor, 1st and 2nd floor apartments.
   Fi Triq Santa Marija biex isiru xi alterazzjonijiet zghar u tinbena maisonette.

5. Mid-DLG ircevejna dwar Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014-2015. Is-Sinjura Schembri qalet li hi tixtieq li tippublika ktieb dwar Hal Ghaxaq Ghaz-zghar. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

6. Minghand Trevor Zahar ircevejna email dwar il-presepji biex il-Kunsill jorganizza kompetizzjonijiet tal-Presepji. Is-Sindku qal li jixtieq jghamel kompetizzjoni jew wirja tal-presepji. Il-Kunsill qabel.

7. Gejna infurmati li nhar 12, 13 u 14 ta' Novembru se jsiru xi testijiet fil-Bereg.

8. GAL XLOKK se jorganizza Laqgha Generali Anwali nhar il-hamis 11 ta' Dicembru gewwa M'Xlokk. Is-Sur Fenech qal li hu mhux se jkun jista jattendi izda minfloku ser jattendi s-Sindku. Is-Segretarju ser tinforma lis-Sur Chris Salerno tal-GALXlokk min ser jattendi. Il-Kunsill qabel.

9. Gejna infurmati li ser isiru xi laqghat fejn se jigu mistiedna l-Amaxxaturi tal-Kunsilli.

10. Il-Kunsill gie mistieden mill-Agenzija Zghazagh biex jattendi nhar is-Sibt 22 ta’ Novembru fl-10.00am Dar il-Mediterran fejn ser jithabbru il-progetti taz-zghazagh.

11. Il-Ministru tal-Edukazzjoni u Xoghol se jghamel laqgha nhar il-21 ta’ Novembru dwar Hiliet Godda ghall-Impiegi Godda.

ĦAL GĦAXAQ

12. Ergajna gejna infurmati biex il-Kunsill jahtar Ambaxxtur/Ambaxxatrici. Is-Sinjura Schembri qalet li jehtieg ninnominaw lil xi had bhala Ambaxxatur.

13. Il-WSC Gejna infurmati li gewwa il-Palazz tal-President nhar l-14 ta’ Novembru ser issir laqgha dwar Well Being of Society.

14. Il-WSC infurmat il-Kunsill li meta jkun ser isir xi xoghol, il-WSC ghanda tkun mgharrfa dwar dan.

## 5. <u>Suggerimenti mill-Kunsilliera</u>

a. Is-Sindku fetah is-suggett dwar Triq ta’ Loretu li qabel kienet qed tigi diskussa bhala Triq it-Telleritu u pogga fuq il-mejda mappa ta’ Triq ta’ Loretu kif ukoll il-BOQ li kienet ghaddiet Kunsill tal-progett li l-Kunsill kien jaf li ser isir.

   Is-Sindku kompla jghid li f’Marzu l-Kunsill kien tkellem u ddiskuta il-Progett tal-Mizura 413 fejn kienet ser issir parti minn Triq l-Andar u parti minn Triq ta’ Loretu li kienet se tigi tiswa madwar €28,596.

   Il-Vici Sindku staqsa x’kien il-progett? U ghalhiex ma harigtx tender?

   Is-Sindku qal li harget kwotazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u l-Malta Independet biex issir rekostruzzjoni ta’ Triq ta’ Loretu.

   Il-Vici Sindku staqsa kif jekk il-Kunsill talab kwotazzjoni kif jista l-Kunsill johrog dik li spiza kollha. Staqsa ukoll kif qatt ma hareg tender ghat-tarmac ghax Triq ta’Loretu mhux rekostruzzjoni saret izda resurfacing bit-tarmac. Il-Vici Sindku kompla jistaqsi din il-paying agency se taccettha li taghtina l-flus meta ma harigtx tender?

   Il-Vici Sindku kompla jghid kif qatt ma tkellimna fuqha din it-Triq ta’ Loretu biex issir triq bit-tarmac, kompla jishaq li qatt ma giet diskussa.

Is-Sindku qal li din saret patching bil-*cold tarmac*.

Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk il-Kunsill ghandux tlett kwotazzjonijiet.



Is-Sindku qal li hu rceiva ghandu kwotazzjonijiet bl-emails ghax hu kull haga jghamillha *scanned* u baghatha l-Kunsill. Is-Segretarju qalet li hi ma rceviet xejn.

Il-Vici Sindku kompla jistaqsi lis-Sindku jekk bi kwotazzjoni tistax tghamel dawn li spejjez u kif qatt ma prezenta l-kwotazzjoni lil-Kunsill.

Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk l-Kunsill ircieva xi invoices.

Is-Sindku qal li ghad ma hemm xejn minhabba li ghad baqa xoghol xi jsir.

Il-Kunsillier Agius qalet li l-progett ma kienx tat-tarmac.

Id-diskussjoni dwar Triq ta' Lorertu spiccat hemm.

Fl-ahhar is-Sindku qal jekk hemm xi intervent isir issa ghax dan il-kapitlu ser jinghalaq ghal kollox.

Is-Sindku qal li l-progett kulhadd kien jaf li ser isir.

b. Il-Kunsill iddiskuta l-magna tan-nifs li r-Regjun se jghaddi l-Kunsill u minhabba li n-Nursery tal-football jittrenjaw il-gimgha kollha ittiehdet decizjoni li din il-magna tkun ghand in-Nursery u jekk jigi bzonnha xi hadd din tingieb minghandhom.

c. Is-Sindku qal li ma hemm l-ebda Kunsill

d. Is-Sindku qal li sid il-van li kien qed jigi wzat mill-Kunsill iddecieda li jtih il-Kunsill u ghaldaqstant is-Sindku qal li se jaccetta u se jitlob biex tithallas il-licenzja w l-*insurance 3*$^{rd}$ part biex il-Kunsill ikun jista jerga jibda juzah. Ma kien hemm ebda oggezzjoni.

e. Is-Sindku talab li tintbaghat ittra lill-kuntrattur tal-patching minhabba lid an ma jistax jigi kkuntattjat bit-telefon. Talab li din tinbaghat registrata biex zgur tasal u jekk dan jibqa ma jwegibx jinhareg. Il-kunsill qabel.

f. Is-Sindku talab li jinhareg tender ghall-Accountant minhabba li sSur Patrick Caruana spiss ma jwegibx ghas-sejhiet tal-Kunsill u ghaldaqstant il-Kunsill ma jkunx jaf fejn qieghed finanzjarjament. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

g. Is-Sindku qal li jixtieq li johrog *flyer* li tkun tkopri l-attvitajiet li jkunu ser isiru fir-rahal ghal-Milied anke dawk ta' l-Ghaqdiet tar-rahal.

h. Is-Sindku qal li hem mil-htiega li jinxtraw 50 borza tarmac. Il-Kunsill qabel.

i. Is-Sur Abela qal li qed jistenna permess mill-EneMalta biex jitwahhlu l-cameras fi Gnien Santu Rokku u Gnien il-Kunsill. Dawn se jisponsorjhom ir-Regjun.

j. Il-Kunsillier Schembri qalet li jekk ikun hemm konkorrenza ser isir kors tal-*gardening* gewwa l-Kunsill bejn 14.00pm u 16.00pm. Ma kien hemm ebda oggezzjoni.

k. Is-Sindku qal li ser ikun imsiefer bejn is-26 u 30 ta' Novembru 2014.

l. Saret diskussjoni dwar l-attivitajiet tal-Milied u sar ftehim li fil-21 ta' Dicembru issir l-ikla ta' l-anzjani u fit-29 ta' Dicembru jsir party u harga ghat-tfal bi hlas ta' €7 biex jinghataw rigal. Sar qbil li r-riceviment tal-Kunsill isir nhar it-28 ta' Dicembru 2014.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**11. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2014, fis-6.00pm.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**<u>Ikkonfermati:- it-Tlieta 25 ta' Novembru, 2014, fis-6.00pm</u>**